# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Mejju 2019

**Rikors Numru : 563/2018 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**KM**

**u**

**CM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' KM u CM, datat 28 ta' Dicembru, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar it-28 ta' Gunju 1998 u dank if inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. KM1;*

*Illi frott ta' dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied u cioe' N u T M li dwarhom ghadu jithallas manteniment ghalihom da parti ta' CM. T huwa minuri (13)-il sena filwaqt li N waslet ghall-eta' ta' tmintax (18)-il sena b'dan pero' li ghadha tistudja fuq bazi full-time;*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar minn erba' (4) snin u kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejniethom fl-Atti tan-Nutar Sean Criten (ara Dok.KM2 hawn anness);*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn*

> *xulxin;*
>
> *Illi ai termini tal-istess kuntratt CM thallas l-manteniment relattiv ghall-ulied u ghalhekk il-partijiet jiddikjaraw li m'hemm ebda problema dwar manteniment;*
>
> *Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
>
> *Ghaldaqstant ir-rikorrenti, umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*
>
> 1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*
>
> 2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**KM** xehed permezz t'affidavit a fol 14 u viva voce, a fol 21, illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Gunju 1998 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-28 ta' Marzu 2013 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewg ulied, versu liema martu thallas manteniment b'mod regolari. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**CM** xehdet permezz t'affidavit a fol 15 a fol 18 *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda ta' KM.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu izzewwgu nhar it-28 ta' Gunju 1998 (Vide Dok KM1, fol 3) u illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied;

Il-Qorti rat illi l-partijiet ilhom separati legalment permezz ta' kuntratt datat 28 ta' Marzu, 2013 in atti tan-Nutar Dottor Sean Critien (Vide Dok KM2, fol 4), u ilhom erba' snin ma jghixux flimkien.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u tqis in oltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex iz-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**